MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 2015/2000/1

Kawza fil-lista: 23

**Charles Vella, Mary Connie Vella, Lawrence Borg u Romina Borg**
**Vs**
**Raymond Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Premess illi l-konvenut kien tqabbad mill-atturi l-konjugi Borg sabiex jaghmel xogholijiet ta’ thammil u tqattieh ta’ blat li kellu jsir fi plot numru hamsa u tletin (35) fi Triq l-Isbark tal-Francizi, Mellieha, proprjeta tal-atturi, l-konjugi Borg;

Premess illi l-konvenut ghamel dawn ix-xogholijiet mhux skond l-arti u s-sengha, b'mod illi gew ikkagunati danni konsiderevoli, fi proprjetajiet kontigwi mal-plot proprjeta tal-atturi Borg, fejn kienu qed isiru x-xogholijiet. Illi l-hsarat saru fil-proprjeta tal-atturi konjugi Vella, ossia' fil-fond numru 62 Triq l-Isbark tal-Francizi, Mellieha;

Peress illi l-atturi lkoll sofrew danni, konsistenti fi flus li thalsu mill-atturi konjugi Borg lil atturi konjugi Vella minhabba fil-hsarat li sofrew dawn ta' l-ahhar, ghar-ragunijiet hawn moghtija, kif ukoll danni ohra sofferti mill-atturi konjugi Vella fil-proprjeta' taghhom;

Peress illi minkejja li nterpellat sabiex ihallas lill-atturi, l-konvenut naqas li jhallas u baqa' inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-hsarat li saru fi proprjetajiet u cioe' fuq il-plot numru 35, Triq l-Isbark tal-Francizi, Mellieha, u fil-fond numru 62 Triq l-Isbark tal-Francizi, Mellieha u dana peress illi l-konvenut ghamel xogholijiet ta' thammil u tqattiegh ta' blat mhux skond l-arti u s-sengha kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.

2. Tillikwida dawn id-danni, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 2 ta' Dicembru 1998,bl-imghax legali u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ezegwixxa x-xoghol in kwistjoni

proprju kif gie ordnat u skond l-istruzzjonijiet tal-istess atturi Borg.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi akkwiziti ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi in segwitu ghall-ftehim ta’ appalt bejn il-konvenut bhala appaltatur u l-attur Lawrence Borg bhala appaltant, ghal habta ta’ l-ahhar ta’ Novembru 1998 il-konvenut u nies inkarigati minnu bdew xoghol ta’ skavar fil-plot ta’ l-atturi bin-numru 35 sitwata go Triq l-Isbark tal-Francizi, fil-Mellieha, biswit il-plot numru 62. Skond il-ftehim, ix-xoghol ta’ l-iskavar u precisament it-tqattigh tal-blat kellu jsir, fin-nofs bl-ingenji u dak vicin l-appogg tal-plot kontigwa f’ distanza ta’ zewg piedi u nofs bl-idejn [bil-jackhammer], b’ zewg rati ta’ hlas differenti.

Illi waqt li kien qed isir ix-xoghol ta’ iskavar, anke vicin l-appogg intuza l-hymax bir-rizultat li l-qtugh tal-blat baqa’ diehel mhux biss vicin il-hajt tal-appogg tal-plot kontigwa, izda addirittura fil-pedamenti that il-hajt ta’ l-appogg f’ distanza ta’ circa hames piedi; bir-rizultat li saru diversi hsarat fil-fond kontigwu bin-numru 62 proprjeta’ tal-atturi Vella.

Illi in vista ta’ l-ilmenti gustifikati tal-atturi konjugi Vella, ix-xoghol ta’ l-iskavar twaqqaf sakemm l-atturi Borg dahhlu fi ftehim bil-miktub maghhom li huma kienu ser jassumu r-responsabbilita’ ghad-danni u obbligaw ruhhom ihallsu tal-hsarat li jirrizulta nkontestat li ammontaw ghas-somma ta’ Lm1,665. Fl-affidavit tieghu l-attur Lawrence Borg spjega li peress li kienet diehla x-xitwa u ried ikompli bix-xoghol “jien u marti spiccajna nhallsu ahna personalment tal-hsarat li garrbu s-sinjuri Vella fil-fond proprjeta’ taghhom, u dan peress li kien diehel sewwa x-xitwa, u l-hsarat kienu

ser jikbru"[1]. Di fatti rrizulta li dan l-ammont thallas mill-atturi Borg lill-atturi Vella, u, ghalkemm fil-ftehim kienet saret rizerva ghall-ispejjez relattivi ghall-kamra tal-banju, jidher li eventwalment l-atturi llimitaw il-pretensjoni taghhom ghall-ammont fuq indikat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ab initio ghandu jigi rilevat li mill-provi jirrizulta nkontestat li rizultat tax-xoghol ta' l-iskavar mill-konvenut appaltatur, kienet saret il-hsara indikata mill-atturi fil-fond ta' l-atturi konjugi Vella. Dan jirrizulta provat mix-xhieda tal-Perit David Xuereb li kien inkarigat jissorvelja x-xoghol, u li kien dahal fil-fond tal-atturi Vella kemm qabel ma beda x-xoghol, kif ukoll wara. Jinsab ukoll konfermat mir-rapport maghmul ex parte mill-Perit Alan Saliba, u jidher ukoll li ma hemmx kontestazzjoni dwar dan l-aspett tal-kawza.

Illi il-konvenut Raymond Galea qed jilqa' ghall-pretensjoni attrici bl-eccezzjoni sostanzjali illi huwa kien "esegwixxa x-xoghol in kwistjoni proprju kif gie ordnat u skond l-istruzzjonijiet ta' l-istess atturi Borg" u fid-dikjarazzjoni ikompli jispjega li "l-istess atturi konjugi Borg kienu insistew u taw struzzjonijiet specifici lill-istess esponent ta' kif u sa fejn kellu jqatta' l-blat" u wkoll li l-konvenut "in esekuzzjoni tal-inkarigu lilu moghti uza mezzi u ghodda skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti."[2]

Illi in tema legali jigi osservat li l-konvenut bhala appaltatur, fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet maghmula, kellu s-segwenti obbligi:

Huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza li l-appaltatur ghandu l-obbligu legali li jesegwixxi x-xoghol kommissjonat lilu skond is-sengha u l-arti, b' mod li hu jibqa' dejjem responsabbli li jippresta opra sodisfacenti u 'spondet peritiam artis' u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent. Huwa ghandu l-obbligu li fl-esekuzzjoni ta' l-appalt juri perizja u dik id-dilegenza

[1] Fol.23
[2] Fol.15

dettata mic-cirkostanzi – in-nuqqas ta’ dan jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali. [vide ad exemplum App.Kum.1988 – Salvatore Guillaumier noe v Anthony Borg Cardona - u kazistik hemm citata][3]

Konformament ma’ u relatat ma’ dan l-obbligu li n-nuqqas tieghu jwassal ghall-inadempjenza kontrattwali, l-appaltatur ghandu wkoll l-obbligu li fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet huwa jagixxi bid-diligenza ta’ bonus paterfamilias fis-sens li jekk jirrizulta mankanti f’ dan l-obbligu huwa ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara konsegwenzjali; ghax huwa stipulat fil-ligi li persuna ghandha twiegeb u taghmel tajjeb ghad-danni li jigu kawzati bi htija taghha, u jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja[4].

Illi fil-kaz in disamina rrizulta li x-xoghol maghmul mill-konvenut appaltatur ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ukoll sar b’ mezzi goffi mhux adegwati ghall-iskavar vicin il-hitan ta’ l-appogg. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-periti u senjatament mix-xhieda tal-Perit David Xuereb. Dan spjega li, ghalkemm kellu jigi nformat mis-sidien meta kienu ser jibdew ix-xogholijiet, huwa ma giex informat u kien meta cempillu l-attur Lawrence Borg li kien mar fuq il-post u seta’ jara x-xoghol kif kien qed isir. Huwa jghid li meta mar fuq il-lant tax-xoghol huwa kkonstata li x-xoghol kien qed isir b’ makkinarju li kien kbir wisq ghas-sit. Fil-fatt kien qed jintuza makkinarju [hymac] li jintuza biex tqatta “b’ certu velocita’ minghajr certu delikatezza”. Inoltre “ix-xogholijiet bdew proprju minn that l-appogg, jigifieri flok ma nbeda fin-nofs, biex wiehed jara l-kwalita’ tal-blat u mimxu lejn l-appogg, inbeda proprju that l-appogg. Jiena hekk sibtu x-xoghol meta mort narah jien.”[5]

Illi d-difiza principali tal-konvenut li huwa agixxi skond l-istruzzjonijiet li kien tah l-attur Lawrence Borg. Huwa qed jsostni li, nonostante l-ftehim li kellhom fis-sens li l-qtugh tal-blat vicin l-appogg kellu jsir bl-idejn, fl-esekuzzjoni tax-

[3] Vol.LXXII.II.439
[4] Arti.1031 u 1032
[5] Fols.79-80

xogholijiet, meta kienu fuq il-lant tax-xoghol l-attur Borg tah struzzjonijiet sabiex jlkompli jqatta’ bil-hymac anke vicin l-appogg, sabiex jiffranka l-ispejjez tat-tqattigh bil-jack hammer. Ghalhekk skond il-konvenut it-tqattigh tal-blat vicin l-appogg sar bil-hymac bil-konsegwenzi dannuzi ghall-proprjeta’ tal-atturi Vella.

Illi *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u f’kaz bhal dan fejn l-konvenut qed jallega fatt japplika l-principju legali *reus in excipiendo fit actor*. Fi kliem iehor, huwa l-konvenut li ghandu l-oneru li jipprova dan il-fatt allegat minnu, u cioe’ li nonostante l-ftehim originali, l-attur kien tah struzzjonijiet differenti meta kienu fuq il-lant tax-xoghol.

In propositu jigi osservat fl-ewwel lok, li kien l-obbligu ta’ l-konvenut bhala appaltatur li jesegwixxi x-xoghol skond il-sengha u l-art b’ magni adegwati ghac-cirkostanzi, u li jagixxi bhala bonus paterfamilias fl-esekuzzjoni ta’ dan ix-xoghol bid-diligenza dettata mic-cirkostanzi, b’ mod li ma jghamilx hsara lit-terzi, f’ dan il-kaz lill-atturi Vella proprjetarji tal-fond kontigwu. Il-provi juru bic-car li l-konvenut naqas minn dawn l-obbligi tieghu. Huwa naqas meta beda bit-thaffir vicin l-appogg u mhux minn naha tan-nofs biex ikun fil-posizzjoni li jittestja l-kwalita’ tal-blat li kien ser jaqta’; u nqas ukoll meta, irrispettivament mid-distanza mposta mill-ligi, huwa haffer flush mal-pedamenti tal-hajt ta’ l-appogg u sahansitra l-blaqt nqata’ proprju that il-hajt. Dan in-nuqqas tal-konvenut johrog aktar lampanti kunsidrat il-fatt li, kif xehed hu, huwa kien ilu jaghmel dan it-tip ta’ xoghol ghal madwar tmien snin u meta kien ghadu zghir huwa kien jahdem ma missieru fl-istess generu ta’ xoghol. Ghalhekk il-Qorti tosserva li zgur il-konvenut seta’ u ragjonevolment kellu jipprevedi li x-xoghol kif kien qed jigi esegwit seta’ jikkaguna dannu fil-proprjeta’ kontigwa; u ghalhekk, irrispettivament x’ seta’ qallu l-attur Lawrence Borg, huwa dejjem kellu d-dmir legali li jassigura li b’ dak li kien qed jaghmel ma kienx ser jikkaguna hsara lil terzi. Dan in-nuqqas da parti tal-konvneut kellha bhala konsegwenza diretta taghha d-dannu li sofrew l-atturi Vella fil-fond taghhom, u ghalhekk huwa ghandu

jirrispondi u jaghmel tajjeb ghal din il-hsara li grat bi htija tieghu.

Izda l-premess ma jwassalx neccessarjament ghall-konkluzjoni li r-responsabbilita’ ghal-hsara tirrisjedi unikament fuq il-konvenut. Dan qed jinghad ghax din il-Qorti wara ezami akkurat tal-fatti hija propensa li taccetta l-versjoni tal-konvenut fis-sens li waqt li kien qed isir ix-xoghol l-attur, kemm biex ihaffef ix-xoghol kif ukoll biex jiffranka l-ispejjez tat-tqattiegh bil-jack hammer, dan qallu biex ikompli t-tqattigh bil-hymax tal-hajt. Ix-xhud Piju Galea li kien qed jhaddem l-ingenju jghid li l-attur Borg kien qallhom “biex nersqu kemm jista’ jkun lejn l-appogg..”[6] Il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi hija propensa li taghti affidament ghal din il-versjoni tal-konvenut; tenut kont ukoll tal-fatt li, nonostante li din l-allegazzjoni giet specifikatament u bi kliem car indikata fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet, l-attur naqas li jichad din l-allegazzjoni f’ mod car u kategoriku, izda illimita ruhu ghall-fatt li huwa ma kienx jaf meta kellu jinbeda x-xoghol u kien mar fuq il-lant dak in-nhar b’ kumbinazzjoni, ghal habta ta’ l-10.00 am. Ma semma xejn fl-affidavit tieghu f’ liema stadju kien wasal ix-xoghol meta huwa wasal fuq il-post daqshekk tard filghodu. Dan l-ahhar fattur jassumi relevanza f’ dan il-kuntest in vista ta’ dak li qal il-Perit Xuereb, inkarigat mill-istess attur, li x-xoghol ta’ tqattigh kien beda propju minn naha ta’ l-appogg. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-attur Lawrence Borg kien konxju tal-fatt li kien qed isir tqattigh vicin il-hajt ta’ l-appogg, u t-tesi tal-konvenut li dan kien sar fuq talba tieghu hija verosimili u attendibbli fic-cirkostanzi. Dan jirrendi lill-istess attur responsabbli flimkien mal-konvenut ghad danni fil-konfront ta’ l-atturi Vella.

Il-konvenut minn naha tieghu jippretendi li hu ghandu jigi ezonerat kompletament mir-responsabbilita’ stante li hu kien qed jagixxi fuq struzzjonijiet tal-attur Borg. Il-Qorti ma tikkondividix din il-konkluzjoni, izda tirravvisa nuqqas tal-konvenut, kemm fil-fatt li x-xoghol ma kienx qed isir skond is-sengha u l-arti, kif fuq spjegat, kif ukoll mill-fatt li

---

[6] Fol.110

kien qed juza makkinarju kbir u goff wisq fit-tqattigh tal-blat vicin l-appogg. Mill-provi ma rrizultax li dana kien gharraf lill-attur bir-riskju fl-uzu ta’ dak it-tip ta’ makkinarju daqshekk vicin l-appogg. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-konvenut bhala appaltatur u bniedem tas-sengha kellu dmir li jgharraf lill-attur Borg b’ dik is-sitwazzjoni. Wara kollox il-konvenut kien il-persuna nkarigat mill-esekuzzjoni tax-xoghol u kien jispetta lilu li jinforma lil, anzi jenfasizza mal-attur ir-riskju li jintuza dak il-makkinarju goff vicin daqshekk tal-hajt ta’ l-appogg. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien mankanti f’ dan ir-rigward. Barra minnhekk, zgur mhux il-fatt u minn imkien ma rrizulta, li l-attur Borg kien tah struzzjonijiet sabiex jhaffer sahansitra that il-hajt ta’ l-appogg. Il-konvenut u l-haddiema tieghu bhala nies tas-sengha kellhom jipprevedu li din is-sitwazzjoni setghet tavvera ruhha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li r-responsabbilita’ ghall-akkadut tirrisjedi fuq il-konvenut Raymond Galea bhala appaltatur fi kwota ta’ zewg terzi [2/3] u fuq l-attur Lawrence Borg appaltant fi kwota ta’ terz [1/3]. Ghalhekk, stante li l-hsara ammontanti ghas-somma ta’ Lm1,664 diga’ giet mhallsa lill-atturi konjugi Vella mill-atturi Borg, il-konvenut jibqa’ responsabbli biss lejn l-atturi konjugi Borg fl-ammont ta’ Lm1109.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici limitatament kif ser jinghad: billi ssib lill-konvenut Raymond Galea responsabbli ghal-hsarat kaggjonati fil-proprjeta’ tal-atturi konjugi Vella, fi kwota ta’ zewg terzi [2/3]; tillikwida sehemu tad-danni fl-ammont ta’ elf mija u dsia liri maltin [Lm1109]; u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas din is-somma lill-atturi Lawrence u Romina Borg bl-imghax legali mid-data ta’ dan il-gudizzju.

L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut in kwantu ghal zewg terzi [2/3], u r-rimanenti terz [1/3] jibqa a kariku tal-atturi konjugi Borg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------